# Kont taf li...?

**Kitba ta' Dr. Raymond Mangion B.A., B.A.(Hons). M.A. LL.D.**

❑ Kont taf li l-iktar tenur magħruf Malti fl-istorja tal-mużika lirika ta' Malta - Oreste Chircop (1923-1998) - li l-fama tiegħu ta' tenur b'vuċi tad-deheb u memorja tal-għaġeb, wasslitu biex ikanta fl-aqwa teatri tad-dinja u saħansitra f'Hollywood, twieled fid-dar numru 91 (illum numru 220), Triq San Gejtanu, il-Ħamrun, u mhux fil-belt Valletta kif jistqarr Robbie Mifsud Bonnici fid-'Dizzjunarju Bijo-Bibljografiku Nazzjonali' tiegħu? Li l-ġenituri ta' Oreste Chircop kienu iktar tard marru joqogħdu f'numru 44, Triq id-Duka ta' Edinburgh qabel ma marru joqogħdu f'numru 331 (illum in-numru 580), Triq Irjali San Ġużepp, Santa Venera? Li fil-perjodu ta' bejn iż-żewġ gwerer f'din l-akkwata tal-Ħamrun, sewwasew fl-inħawi ta' Triq San Gejtanu/Triq il-Vitorja/Triq id-Duka ta' Edinburgh, kienu twieldu jew joqogħdu għadd sabiħ ta' personalitajiet marbutin mal-qasam mużikali jew artistiku ta' pajjiżna? Minbarra t-tenur Oreste Chircop, fi Triq San Gejtanu, allura tefgħa ta' ġebla 'l bogħod minn fejn twieled l-istess tenur, kien twieled ukoll is-Surmast Willie Attard fl-1901, preċiżament f'numru 13 (illum in-numru 53), filwaqt li f'numru 3 (illum in-numru 39) fl-istess triq kien joqgħod għal xi żmien is-Surmast tal-banda tar-Royal Military Academy Giuseppe Magri. F'numru 7, Triq il-Vitorja, kien twieled is-Surmast ta' reputazzjoni internazzjonali Charles Camilleri (1931- ), filwaqt li fin-numru 41 fl-istess triq twieled is-Surmast Carmelo Schembri (1930- ), missier il-magħruf pjanist u direttur ta' l-orkestra Brian Schembri. F'numru 11, Triq id-Duka ta' Edinburgh, biswit sewwa tas-suq, kien joqgħod l-attur filodrammatiku mill-aqwa Pawlu Saliba (1865-1949).

❑ Kont taf li flok fejn tittella' l-istatwa ta' San Gejtanu li għadha magħrufa bħala 'ta' Luteru', quddiem il-bini magħruf bħala 'ċ-Cimblu' fejn tibda Triq Ħal Qormi minn Triq Irjali San Ġużepp, konna nsibu funtana kbira minbarra s-siġra qadima li xi xjuħ għadhom jiftakru sa llum? Kont taf li din il-funtana, li tissemma f'dokumenti li jmorru lura għallinqas għas-snin tal-bini tal-knisja ta' San Gejtanu (1869-1875), kienet magħrufa bħala 'l-Funtana ta' Blacas' għal isem il-palazz li kien jeżisti fuq il-ġenb lemini tagħha fejn illum insibu s-Sorijiet iż-Żgħar tal-Fqar u fejn illum insibu Misraħ San Pawl?

❑ Kont taf li fl-1936 kienu ġew joqogħdu ġewwa l-Ħamrun għadd ġmielu ta' Maltin ta' Tripli, hekk imsejħa 'Tripolini', minħabba l-gwerra ta' l-Abbissinja? Kont taf li dawn kienu l-istess Tripolini li kienu taw bidu lill-bini ta' għadd kbir ta' djar tal-konkos fl-inħawi tas-subborg tagħna li kienu għadhom ma żviluppawx sa dak iż-żmien bħal ngħidu aħna Triq il-Kanonku Bonnici, Triq Lord Byron, partijiet minn Triq Villambrosa, Triq Adelaide Cini, Triq Barth u Triq Vincenzo Bugeja? Kont taf li dawn it-Tripolini kien ħadhom f'idejh l-avukat u negozjant Dr. Ġużè Pace, li bil-ħidma tagħhom taħt l-imgħallem Goni Falzon kien saħansitra ta bidu għall-iżvilupp ta' Paceville, li baqa' msemmi għalih? Kont taf li l-ewwel dar tal-konkos li nbniet minn dawn it-Tripolini kienet dik li sa llum għadha ġġib l-isem 'Aldwych' fi Triq Villambrosa, u li kienet inbniet lis-Sur Edward Mangion, ħabib kbir ta' Dr. Pace? Kont taf li bosta minn dawn it-Tripolini fosthom Lonzu Farrugia, Natal Falzon, Natal Drago, Rużar Mizzi, Mikiel Lanzon u oħrajn kienu ġew joqogħdu fi Triq Barth u fi Triq Giovanni Barbara?

❑ Kont taf li fi żmien il-ferrovija jew 'il-Vapur ta' l-Art' li kienet tgħaddi mill-Ħamrun fejn konna nsibu wieħed mill-istazzjonijiet u kmamar ta' l-inġinerija ewlenin, bosta individwi kienu ġew joqogħdu fis-subborg tagħna sewwasew għaliex kienu impjegati ma' dan il-mezz ta' trasport? Fost dawk li jissemmew insibu lil Alfred Baker, Ruġġieru Conti, Pasquale jew 'Pakki' Grungo, Leo 'Nonu' Bartoli, John Micallef Grimaud, Walter Xuereb, Pawlu Vassallo, Emmanuel Barbara, John Ugo Bruno Waters, Arturo Gera, Karmenu Galea, Thomas Agius Delicata, Karmenu u John Degiorgio, Egidio Mangion u bosta oħrajn? Kont taf li l-Kamra ta' l-Inġinerija, li kienet fejn illum insibu l-Kwartieri ta' l-Iskawts, appuntu fi Triq il-Ferrovija, kienet taħt id-direzzjoni tal-Professur Ingineer William F. Nixon, li bosta għadhom jiftakruh joqgħod tal-Pietà n-naħa ta' Villa Gwardamangia?

❑ Kont taf li fil-Ħamrun insibu fost l-eqdem kerrejji f'Malta? Kont taf li l-eqdem kerrejja kienet dik magħrufa bħala 'ta' Zimelli', li kienet inbniet mill-familja Zimelli fl-1847? Kont taf li f'din il-kerrejja, li ġġarrfet fl-1942, kienu jabitaw 63 familja? Kont taf li Triq Sant'Antnin u l-inħawi tagħha, fejn konna nsibu din il-kerrejja, għadhom sa llum isejħulu 'Wara l-Bini'? Kont taf li Triq Sant'Antnin kienet inbniet mis-Sur Antonio Seguna, li flimkien mas-Sur Antonio Giacomotto, is-Sur Rafel Dimech, is-Sur Antonio Azzopardi u s-Sur Fidiel Sant, fost l-oħrajn, bdew jibnu tista' tgħid it-toroq kollha tal-Ħamrun li jmorru lura għas-snin 1880-1900 bħal ngħidu aħna Triq San Gejtanu, Triq il-Vitorja, Triq Ċensu Borg, Triq Fra Diegu, eċċ? Kont taf li wieħed li ssokta jibni warajhom bosta bini kien is-Sur Franġisk Curmi mlaqqam 'Carusu'? Biżżejjed ngħidu li dana Franġisk waħdu bena kważi Triq San Franġisk kollha li huwa fittex li tissemma għall-qaddis padrun ta' ismu?

❑ Kont taf li Triq Ġużè Pace, li kien jisimha 'Vjal Victoria' f'ġieħ ir-Reġina Vittorja, kien fil-bidunett tagħha jisimha 'Triq Quaranta' għaliex min-naħa għall-oħra tagħha kienet wiesgħa erbgħin pass? Kont taf li s-Sur Grabiel Azzopardi magħruf bħala 'tat-Tamal', li minnu ħa l-laqam tiegħu l-każin tagħna San Gejtanu, l-aħħar li kien joqgħod kien sewwasew f'din it-triq hekk kif wieħed kien jiġi biex idur għal ġewwa fiha fuq ix-xellug minn Triq Eldorado? Kont taf li f'din it-triq, fost l-oħrajn, konna nsibu ħanut ta' l-ikel magħrufa ħafna mal-gangijiet ta' ħaddiema tax-xatt tas-Sur Ġammari Grima, imlaqqam 'il-Lawlaw', li kellu ħutu Karmenu, Wiġi u Ġanna (miżżewġa Galea, magħrufa wkoll bħala 'Ġanna ta' Anġelica') bi ħwienet tal-kafè, tat-tabakk u ta' l-ikel rispettivament fi Triq Irjali San Ġużepp, ta' l-ewwel fil-quċċata nett fejn illum insibu l-għassa tal-pulizija ta' Santa Venera, tat-tieni hekk kif wieħed jiġi biex idur għal Triq il-Lunzjata, u tat-tielet fil-kantuniera ta' Triq Mikiel Anton Vassalli?

❑ Kont taf li fil-wesgħa miftuħa ta' art fejn għadna nsibuh bħala l-'Mile-End', fejn bosta għadhom jiftakru l-grawnd tal-futbol, li qabel is-Sur Memè Scicluna kien bena dak tal-Gżira u l-gvern Malti kien bena dak ta' Ta' Qali, kien il-grawnd ewlieni, kienu jarmaw ċrieki magħrufin tal-kummiedja. Kont taf li fil-21 ta' April, 1927, kien rama' ċ-ċirklu ta' Cristiani li minnu kienet ħarbet gidmejmum li kienet għodda għamlet straġi li kieku ma kienux intervjenew il-pulizija taħt it-tmexxija ta' l-Ispettur Leone Enriquez biex joqtluha wara għadd ta' tiri b'arma tan-nar? Kont taf li din il-gorilla kienet ħatfet idejn wieħed gabilott - Ġużeppi Buttigieg - u kienet saħansitra, misbula kif kienet, għamlet massakru minn razzett mimli tjur fuq in-naħa ta' Sqaq il-Kubrit?

❑ Wara li s-subborg tal-Ħamrun sar parroċċa fl-1881, l-ewwel isem li ngħata uffiċjalment lil triq ġdida f'dan il-lokal kien dak li ngħata lil triq li kienet għadha kif infetħet, jiġifieri dik tad-Duka ta' Edinburgh. Din it-triq infetħet biex tgħaqqad l-inħawi tal-Knisja tas-Samra ma' Triq il-Kbira San Ġużepp. Kienet il-Gazzetta tal-Gvern tat-2 ta' Jannar 1888, Numru 3230, li ħabbret li din it-triq ġdida kienet ingħatat dan l-isem. Il-Gazzetta tal-Gvern però ma kinitx qalet li dan l-isem ngħata lil din it-triq wara ż-żjara f'pajjiżna tad-Duka ta' Edinburgh, Alfred, wieħed minn ulied ir-reġina Vittorja ta' l-Ingilterra u r-raġel ta' l-unika tifla tal-Kżar Russu Alessandru II. Din iż-żjara, li kienet it-tielet waħda tiegħu f'pajjiżna, seħħet fl-1886. Id-Duka ta' Edinburgh dak iż-żmien kien il-Kmandant Suprem tal-Flotta Ingliża stazzjonata fil-Mediterran.

❑ Litografija tas-seklu 19 ta' C.F. de Brocktorff (1775-1850) tifforma parti mill-kollezzjoni ta' pittura skultura nazzjonali miżmuma fil-Mużew ta' l-Arti

fil-Belt Valletta. Din il-litografija turi kif l-inħawi ta' Pjazza San Pawl kienet tidher mill-għolja "Tas-Samra" qabel l-istess pjazza, magħrufa aktar bħala "Fra Diegu", infetħet wara t-twaqqiegħ ta' parti kbira mill-Palazz Blacas. Kont taf li din il-litografija, li għandha d-dimensjoni tagħha bħala immaġini ta' 17,8ċm, b'26ċm., kienet proprjetà tal-familja tal-Konti nobbli ta' Messina qabel tħalliet b'legat mill-istess familja lill-mużew nazzjonali msemmi?

❑ Il-problema tat-traffiku tal-karozzi u n-nuqqas ta' spazju fejn jidħol il-parking tagħhom mhix waħda ġdida għall-Ħamrun. Biżżejjed insemmu li din il-problema tissemma sew fir-rapport imħejji minn A.S.B. Harrison u R.P.S. Hubbard għall-Gvern ta' Malta u mitbugħ fl-1945 bl-isem ta' Valletta - A report to accompany the outline plan for the region of Valletta and the three Cities. Ir-rapport jgħid, fost ħwejjeġ oħra, li "Hamrun is an example of what in England is called ribbon development... It is required to cope not only with the local traffic of the suburb but also with a stream of thorough traffic, including many houses and is, at certain hours of the day, unduly crowded. There are no spaces for the parking of cars, and in spite of notices pointing out that the practice is forbidden, cars are often seen parked upon the side-walk" (Id. ibid. Chapter XIV, par. 8, Page 94).

❑ Wieħed mill-eqdem toponomi (ismijiet ta' postijiet) fl-inħawi fejn illum insibu s-subborg tal-Ħamrun huwa dak ta' Braxja. Insibu li dan l-isem huwa qadim ħafna. Dan infatti nsibuh reġistrat f'att notarili ta' l-1504 u fi żjara pastorali appostolika li saret fl-1575. L-ispjanata kollha mill-inħawi għammieqa tal-Knisja tal-Madonna tal-Pietà (illum G'mangia) sa l-inħawi għoljin fejn illum hemm il-Knisja tal-Madonna tas-Samra, kienet iġġib l-isem ta' Braxja, isem tassew medjevali li bħalu konna nsibu f'inħawi oħra ta' Malta.

❑ Fost il-ġurijiet u l-eṣekuzzjonijiet kapitali li baqgħu jissemmew fil-Ħamrun, għaliex kellhom x'jaqsmu ma' akkużi u sentenzi ta' qtil volontarju u għaliex seħħew f'dan is-subborg, hu dak ta' Antonio Azzopardi, imlaqqam Ninu Xkora. Hu kien ta b'xafra 14-il daqqa mortali lill-għarus ta' bintu - Ġużeppi Camenzuli, imlaqqam Żubbatu. Dan il-każ kien seħħ fis-6 ta' Diċembru 1907. Hu ngħata s-sentenza tal-mewt fis-27 ta' Ottubru, 1908 wara li nstab ħati li wettaq dan il-qtil bil-ħsieb u volontarjament. Kont taf li Antonio Azzopardi kien bniedem tal-knisja u devot ħafna, tant li kien wieħed mill-benefatturi ta' l-istatwa tar-Redentur, meqjuma sal-lum b'għożża kbira fil-knisja parrokkjali ta' San Gejtanu. Barra minn hekk huwa tella', bi flusu, serbut twil ta' bini fil-bidu ta' Triq ir-Rebħa, dari magħrufa bl-isem ta' It-Triq tax-Xkora. Huwa kellu l-ħsieb li jpoġġi żewġ statwi f'żewġ niċeċ f'kull kantuniera ta' dan is-serbut ta' bini, għalkemm dawn tqegħdu dan l-aħħar.